VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,579, 24 ta' Mejju, 2016
Taqsima B

A.L. 182 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 186 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinament prinċipali

3. Il-paragrafu (e) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (d) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(e) **Mental Health Nursing**: għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija, iżda l-applikanti li għandhom l-MCAST-BTEC Extended Diploma in Health and Social Care (Health Studies) jew l-MCAST Advanced Diploma in Health Sciences, kif ukoll l-MCAST Level 5 Award in Health Sciences għandhom ikunu kkunsidrati li ssodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali tad-dħul."

VERŻJONI ELETTRONIKA

4. Il-paragrafi (e) sa (j) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (f) sa (k).

5. Minflok il-paragrafu (g) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(g) **Nursing**: għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija, iżda l-applikanti li jkunu kisbu l-MCAST-BTEC Extended Diploma in Health and Social Care (Health Studies) jew l-MCAST Advanced Diploma in Health Sciences, kif ukoll l-MCAST Level 5 Award in Health Sciences, ikunu kkunsidrati li ssodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali tad-dħul."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinament prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kors għall-oqsma tal-Applied Food and Nutritional Sciences, tal-Mental Health Nursing u tan-Nursing għandu jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time*."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinament prinċipali

7. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. Il-Grad jista' jingħata skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-ordinamenti f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju: Applied Biomedical Science, Applied Food and Nutritional Sciences, Communication Therapy, Environmental Health, Mental Health Nursing, Midwifery, Nursing, Occupational Therapy, Physiotherapy, Podiatry, u Radiography jew f'xi qasam ieħor relatat max-Xjenzi tas-Saħħa, wara l-approvazzjoni tas-Senat."